taqs.ma dak li Cremona bl-Ingliż. Ma għandniex xi ngħidu l-akbar importanza
qiegħda fit-tieni taqsima. Il-ktieb jiftaħ b'bibliografija, b'lista dettaljata tax-
xogħlijiet ta' Ninu Cremona, u bijografija fil-qosor. Cremona twieled Għaw-
dex 1880; tilef lil missieru meta kien għadu ta' erba' snin imma kif igħidlina
l-poeta stess fil-poeżija tiegħu "Weraq tal-Ħarifa": **inxtħett fi ħdan il-ħniena
ta' min ħajti ma riedx jara mid-dinja mċaħħda."** Sab l-għajnuna ta' zijuh,
hu ommu. Ħajtu kienet ħajja ta' attività kbira, u minn meta tnisslet fih il-
ħajra għall-Malti baqa' sa l-aħħar żmien ta' ħajtu jaħdem għall-Malti bil-
kitba u b'kull mezz ieħor bħala impjegat tal-Gvern u bħala membru ta' l-
Akkademja tal-Malti li tant kienet għal qalbu u li raha titwieled,, tikber
u tissaħħaħ mal-mixja 'l quddiem ta' l-Ilsien Malti. Mhux għalxejn f'seduta
tal-Parlament l-Onor. Dr. A. Buttigieg, hu nnifsu poeta mill-iżjed magħruf,
qal illi Cremona huwa wieħed minn dawk li l-aktar li ħadem biex jagħmel
lil Malta Maltija, u f'dik l-istess seduta l-Onor Dr. G. Borg Olivier żied igħid
illi l-ħajja ta' Cremona kienet mimlija xogħol ħidma u enerġija.

Kif ġa għedna, il-ktieb hu mqassam fi tliet taqsimiet. L-ewwel taqsima,
il-kitba ta' Cremona bit-Taljan, tiġbor fiha poeżija, proża storika — xjenti-
fika, lingwa u folklor. Jidher li Cremona kien imdakkar u mħajjar minn Dun
Karm biex jibda jikteb il-poeżija bit-Taljan għax insibu illi Dun Karm kien
igħaddi s-sigħat igħallem lil Ninu regoli tal-metrika U Cremona baqa' miexi
fit-triq ta' Dun Karm għax bħalu wkoll mit-Taljan qaleb għall-Malti. Jekk
Cremona permezz tal-Malti naqqax għal dejjem ismu fl-istorja letterarja ta'
pajjiżna, min-naħa l-oħra Cremona lill-Malti għamillu ġid bla tarf u kien bis-
saħħa tiegħu illi l-Malti waqqaf fis-sod is-sisien ta' ortografija uniformi u ta'
alfabett xjentifiku. Tul medda twila ta' kważi sittin sena Cremona, fil-kar-
riera letterarja tiegħu, ittratta diversi friegħi tal-letteratura u nistgħu ngħidu
illi fihom kollha hu ħallielna xogħlijiet li jagħmlu ġieħ lil ismu u lill-ilsien
Malti. L-aqwa opra li ħallielna naturalment huma l-istudji tiegħu dwar is-
sintassi u l-morfoloġija Maltija. Imbagħad ta' preġju mhux żgħir huma l-bijo-
grafija ta' Mikiel Anton Vassalli u l-istudji fuq il-folklor bħalma wkoll id-
dramm "Il-Fidwa tal-Bdiewa." l-ewwel dramm Malti ta' siwi kbir letterarju
li fetaħ it-triq għall-palk malti serju. Kiteb ukoll rumanz "Ktajjen Maq-
tugħa" u diversi novelli. Il-poeżija ta' Cremona għandu mnejn tidher ikkom-
plikata u għalhekk iebsa biex tifhimha, imma għal min jagħraf jixtarrha u
u jistudjaha sewwa hemm minjiera ta' ideat u ta' sentimenti x'jiġbor minnha.

Hemm wisq iżjed xi tgħid fuq Cremona minn dan li għedt, għax il-ħajja
twila ta' Cremona tista' tħares lejha bħalma tħares għal ġo priżma, tara fiha
ħafna kuluri kollha jleqqu, kollha sbieħ.

Għal min irid jaf lil Cremona sewwa fil-ħidma letterarja tiegħu, dan il-
ktieb ta' Patri Alfred M. Previ, O.P. hu teżor ta' siwi mill-akbar.

Ġ.C.

# Niftakru fi Sħabna Mejtin

## PAWLU CACHIA



**B'ħasra kbira ġriet l-aħbar li naqas minn fostna s-Sur Pawlu Cachia, Membru tal-Kunsill ta' l-Akkademja, żagħżugħ ħabrieki, mimli ħeġġa, li minnu konna nistennew suċċessi mill-isbaħ fil-qasam letterarju ta' pajjiżna.**

**Pawlu kien magħruf u maħbub minn kulħadd, kellu qalb ħanina, dehen għaqli u rieda qawwija biex jagħmel ġid u jkun ta' għajnuna lil għajru. Fil-karriera qasira tiegħu, fil-kitba u fix-xandir, Pawlu Cachia għamel isem magħruf minn kulħadd u ħalla xogħolijiet, proża u poeżija, li ma jintesewx mal-milja tas-snin.**

**Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem, il-hena li tistħoqqlu, u jagħti wkoll il-faraġ u s-sabar lil niesu.**

PAWLU CACHIA miet nhar il-Ħamis 24 ta' Jannar 1974 fil-għomor ta' 27 sena.

* * *

## . . . U MANWEL A. SCALPELLO BORG

Bl-istess għafsa ta' qalb irridu wkoll inħabbru l-mewt ta' membru akkademiku ieħor, jiġifieri ta' MANWEL A. SCALPELLO BORG li ġrat is-sena l-oħra, sewwa sew fit-22 t'Awissu 1973, f'Tas-Sliema. Huwa kellu 76 sena u kien ilu membru akkademiku minn Mejju ta' l-1968. L-imħabba tiegħu għall-Ilsienna kienet kbira u sinċiera.

Waqt li nitolbu 'l Alla jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem, nixtiequ naqsmu mal-familja tiegħu n-niket kbir li ġarrbu bit-telfa tiegħu.